MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 372/2010

Kawza fil-lista: 29

**A B C f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D B C**
**vs**
**E B C, F G**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fl-20 ta' Settembru 2010 hija weldet lit-tifla D minn relazzjoni li kellha mal-konvenut F G, li bdiet wara li hi kienet isseparat de facto minn ma' zewgha, il-konvenut E B C f' Settembru 2008; li, ghalkemm fl-att tat-twelid taghha numru 3137/10 it-tifla giet registrata bhala bint il-konvenut B C, fil-fatt, u kif sostnut mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici, il-missier naturali tat-tifla huwa l-

konvenut F G;  ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-konvenut E B C mhuwiex il-missier naturali tat-tifla;  [2]  li l-missier naturali tat-tifla D huwa l-konvenut F G;  [3] li tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid;  [4] li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess bhal tal-missier naturali, u cioe' 'G';  bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li, wara li ssolleva eccezzjoni ta' natura procedurali li sussegwentement giet irtirata minnu fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2011, irrefera ghad-dispost ta' l-artikolu 81 tal-Kap.16, u wkoll oggezzjoni li jigi assoggettat ghal xi spejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E B C li biha, wara li ddikjara li jaqbel mal-premessi u mat-talbiet ta' l-attrici, oggezzjona li jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa B;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D li hi weldet fl-20 ta' Settembru 2010 mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut E B C, izda tal-konvenut F G; kif ukoll qed titlob li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 3137/2010.

Illi jirrizulta pacifiku li l-attrici u l-konvenut E B C sseparaw de facto f' Settembru 2008 u minn dak in-nhar 'il quddiem dawn ma kellhomx relazzjonijiet intimi flimkien. Sussegwentement l-attrici dahhlet f' relazzjoni eskluzziva

mal-konvenut F G, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifla D.

Illi l-attrici ssostni li t-tifla hija l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut G, u f' dan hija suffragata, wkoll mir-rapport xjentifiku tad-DNA.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici, u tiddikjara li t-tifla D li twieldet mill-attrici fl-20 ta' Settembru 2010 hija l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F G u mhux tal-konvenut E B C, u tilqa' l-kumplament tat-talbiet fit-termini taghhom.

L-ispejjez kollha jigu sopportati konguntivament u fi kwoti wgwali mill-attrici proprio u mill-konvenut F G.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------